MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2007

Numru 4/2004

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Paul Caruana**

**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu appell interpost mis-sentenza tal-Qorti Kriminali, moghtija fis-6 ta' Lulju 2006 fil-konfront ta' Paul Caruana. Caruana qed jappella biss mill-piena u mhux ukoll mis-sejbien ta' htija.

**2.** Permezz tal-att ta' akkuza numru 4 tal-2004, l-imsemmi Paul Caruana kien akkuzat fl-ewwel kap bit-tentattiv ta' omicidju ta' martu Sandra nhar it-12 ta' Gunju 2003; permezz tat-tieni kap tal-istess att ta' akkuza huwa kien akkuzat li kellu f'idejh jew fuqu sikkina, ta' kull xorta li tkun, b'xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija (bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 66, illum imhassar); filwaqt li permezz tat-tielet kap huwa kien akkuzat li fil-hin li ghamel delitt kontra l-persuna huwa kellu fuq il-persuna tieghu arma regolari (din l-akkuza nghatat ukoll konformement mad-disposizzjonijiet tal-imsemmi Kap. 66). Permezz ta' verdett moghti mill-gurija fis-6 ta' Lulju 2006, il-gurati b'6 voti favur u 3 voti kontra sabu lil Paul Caruana mhux hati ta' tentattiv ta' omicidju izda sabuh hati li kkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' martu Sandra Caruana, bi strument li jaqta' jew iniggez, b'dan pero` li r-reat kien skuzabbli ghaliex l-istess Paul Caruana kien, fil-waqt tad-delitt, fi stat ta' agitazzjoni ta' mohh illi minhabba fiha ma setax iqis l-eghmil tieghu. Il-gurati sabu wkoll lil Paul Caruana unanimament hati skond it-tieni kap tal-att ta' akkuza, u unanimament mhux hati skond it-tielet kap tal-att ta' akkuza.

**3.** Il-Qorti Kriminali, b'sentenza moghtija dak in-nhar stess (cioe` fis-6 ta' Lulju 2006), wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, ikkundannat lill-imsemmi Paul Caruana ghall-piena ta' tliet (3) snin prigunerija[1] – li minnu ghandu jitnaqqas iz-zmien kollu li hu ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz – kif ukoll ordnatlu jhallas l-ispejjez kollha peritali inkorsi f'dawn il-proceduri ammontanti ghal Lm679.28c.

**4.** Paul Caruana, kif inghad, appella minn din is-sentenza riferibbilment ghall-piena. Huwa bazikament jikkontendi li, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-piena kienet eccessiva; jillanja wkoll il-piena erogata ma hix ser tghin fir-riforma tieghu tenut kont tal-fatt li qabel il-guri huwa kien effettivament irrikoncilja ruhu ma' martu. Fl-paragrafu

[1] Il-piena applikabbli skond il-ligi f'dan il-kaz, in vista wkoll tal-iskuzanti li sabu l-gurati, kienet minn minimu ta' erba' xhur prigunerija sa massimu ta' tliet snin u erba' xhur.

7 tar-rikors ta’ appell huwa jzid jghid hekk: “…[H]u ironiku li fil-piena tieghu kellu jitqies l-aggravju tal-fatt li r-reat sar fuq il-mara tieghu, meta l-incident kollu gara proprju minhabba l-fatt li martu ma kenitx qed tagixxi ta’ tali, u lanqas ta’ omm lejn uliedhom li kienu fi stat ta’ abbandun, minhabba l-agir ta’ l-omm, u l-istat mentali li gie rez fih *(sic!)* l-esponenti minn tali agir.” Fil-kors tat-trattazzjoni ta’ dana l-appell, l-abbili difensuri tal-appellant, l-avukati Dott. Emanuel Mallia u Dott. Giannella Caruana Curran, issottomettew li f’dan il-kaz kien ikun ahjar li kieku nghata xi provvediment mhux ta’ natura karcerarja (bhal *conditional discharge*) jew, jekk ta’ natura karcerarja, mhux b’effett immedjat (bhal sentenza sospiza) u dan sabiex wiehed ikun jista’ jimponi certi kundizzjonijiet u b’dan il-mod jissorvelja lill-hati biex jassigura mhux tant l-integrazzjoni shiha tieghu lura fis-socjeta` daqs kemm l-integrazzjoni jew ahjar ir-re-integrazzjoni tieghu fin-nukleju familjari. Id-difensuri tal-partijiet sahqu fuq il-fatt li jidher li hemm relazzjonijiet tajba bejn l-appellant u martu, u li kien ghalhekk fl-interess ta’ kulhadd li l-appellant jerga’ jinghaqad kemm jista’ jkun malajr ma’ martu u ma’ uliedu minuri.

**5.** Din il-Qorti, in vista tal-isfond partikolari tal-kaz – incident bejn ir-ragel u martu u fl-isfond ta’ problemi serji bejn il-konjugi Caruana – ikkummissjonat lis-*Senior Probation Officer* is-Sinjura Mariella Camilleri sabiex tipprepara rapport dwar il-kaz. L-imsemmija Ufficjal tal-*Probation* ippresentat ir-rapport taghha – rapport akkurat u dettaljatissimu bhalma dejjem ikunu r-rapporti ta’ din l-Ufficjal tal-*Probation* – fl-udjenza tad-19 ta’ April 2007. Fl-udjenza tat-3 ta’ Mejju 2007 saru l-ahhar sottomissjonijiet mill-partijiet.

**6.** Wara li ezaminat bir-reqqa l-atti kollha tal-kawza, is-sentenza appellata, ir-rapport tal-Ufficjal tal-*Probation* aktar ‘il fuq imsemmija, u wara li qieset ukoll is-sottomissjonijiet tal-partijiet, din il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:

**i.** Ma hemmx dubju li l-incident li fih l-appellant, permezz ta’ sikkina, wegga’ gravement lil martu sehh fl-isfond ta’

problemi matrimonjali serji. Mhux kontestat li s-suspetti li l-appellant kellu li martu kien qed ikollha relazzjonijiet intimi ma' haddiehor, kienu mhux biss fondati in kwantu suspetti, izda li verament martu kienet qed taqlibhielu. Anqas ma hemm kontestazzjoni li l-imgieba ta' martu fix-xhur immedjatament qabel l-incident meritu ta' dan il-kaz kienet tali li l-appellant kellu bir-ragun jikkunsidra li martu kienet effettivament qed tabbandunah, u kienet qed tabbanduna wkoll, fis-sens li tittraskura, lil uliedhom minuri. Mill-banda l-ohra, l-istat mentali li spicca fih l-appellant minhabba din is-sitwazzjoni gustament ittiehdet in konsiderazzjoni mill-gurati meta huma akkordaw l-iskuzanti tal-agitazzjoni tal-mohh kontemplata fil-paragrafu (c) tal-Artikolu 227 tal-Kodici Kriminali, skuzanti applikabbli ghall-kaz ta' offiza gravi fuq il-persuna bl-Artikoli 230(b) u 232(a) tal-istess Kodici. Din il-Qorti ma tistax, ukoll, ma tosservax li l-kumment tal-appellant kontenut fil-paragrafu 7 tar-rikors ta' appell tieghu – fis-sens li hu "ironiku" li l-piena f'dan il-kaz hija aggravata minhabba l-fatt li l-offiza saret fuq martu meta din ma kenitx qed tagixxi bhala tali – huwa kumment ghal kollox barra minn loku, ghax donnu jimplika li l-appellant kien b'xi mod "gustifikat" li jaghmel dak li ghamel u tali "gustifikazzjoni" kellha tigi riflessa billi ma jkunx hemm iz-zieda fil-piena kontemplata fl-Artikolu 222(1)(a) tal-Kodici Kriminali. Fil-verita` dak li l-legislatur ried hu li jkun hemm dana l-aggravju taz-zieda tal-piena bi grad mhux biss minhabba r-relazzjoni familjari li tezisti bejn il-konjugi – relazzjoni partikolari li ma tispiccax anke jekk iz-zwieg ikun "tkisser irrimedjabbilment" (biex wiehed juza l-espressjoni wzata fil-Kodici Civili) – izda wkoll ghax il-persuni msemmija fl-Artikolu 222(1)(a) – il-missier, l-omm, l-axxendent, id-dixxendent, l-ahwa, ir-ragel u l-mara, l-gharajjes, fost ohrajn[2] – proprju minhabba l-prossimita` fizika li hafna drabi jkunu jinsabu fiha jehtiegu oggettivament aktar protezzjoni mil-ligi u dan indipendentement minn kemm ir-relazzjonijiet familjari jew socjali ta' bejniethom ikunu jew ma jkunux tajbin. Ghamlet x'ghamlet il-mara ta' l-appellant, huwa qatt ma kien

[2] Ara l-emenda introdotta bl-Artikolu 13 tal-Att XX tal-2005 li fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 222 ziedet diversi nies ohra, u dan billi saret referenza ghall-paragrafu (h) tal-Artikolu 202.

gustifikat li la jikkagunalha offiza hafifa fuq il-persuna taghha (kif effettivament ghamel ftit granet qabel il-kaz meritu ta’ dana l-appell) u wisq anqas li jikkaguna offiza ta’ natura gravi.

**ii.** Il-piena erogata mill-ewwel Qorti hija entro l-parametri tal-ligi, b’dan li xxaqleb aktar lejn il-massimu milli lejn il-minimu.

**iii.** Minn ezami akkurat tar-rapport tal-Ufficjal tal-*Probation* jirrizulta li ghalkemm kulhadd jidher li ghandu l-bona volonta` li jipprova jirranga l-affarijiet bejn il-konjugi Caruana, jibqa’ l-fatt li l-istat mentali kemm tal-appellant kif ukoll tal-vittma ma jiggustifikax li din il-Qorti tirrevedi l-piena erogata billi, kif gie suggerit, jew tnaqqasha u tissospendiha jew tissostitwixxi ghaliha mizura ta’ natura mhux karcerarja. Huwa minnu li ghal xi zmien wara l-incident *de quo* l-appellant u martu regghu rrikonciljaw, pero` wara xi zmien rega’ kien hemm *relapse*. Wara l-guri u meta allura l-appellant intbaghat il-habs, martu u wliedu baqghu f’kuntatt regolari ma’ l-appellant – u dan, s’intendi, huwa sinjal pozittiv u ta’ min jinkoraggih. Mill-banda l-ohra – u huwa dan il-fatt principali li jzomm lil din il-Qorti milli b’xi mod tiddisturba l-piena erogata – jidher li l-appellant ghad ghandu problemi psikjatrici li jirrikjedu attenzjoni <u>taht supervizjoni attiva</u>, u senjatament il-fatt li jbati minn stat qawwi ta’ gelozija li giet deskritta jew bhala *morbid jealously* (mill-Psikjatra Dott. Joseph Spiteri Spiteri) jew bhala “fissazzjoni qawwija” (mill-Psikjatra Dott. David Cassar). Il-mara, mill-banda l-ohra, ghalkemm tithassar lill-appellant u ma tixtieqx, kieku ghaliha, tarah il-habs, ghadha xorta wahda tibza’ minnu. Din il-Qorti sejra hawn tirriproduci siltiet mir-rapport tas-Sinjura Camilleri:

- **“Paul Caruana jsostni li lil martu jrid jerga’ jtiha cans minkejja li sakemm kien il-habs hija ammettiet mieghu li kienet qed taqlibielu ma’ zewg persuni mhux ma’ wiehed. Huwa ma jridx jerga’ jghaddi minn dak li ghadda minnu u ghalhekk huwa jsostni li hekk jara li l-affarijiet ma jkunux sew bejniethom jghidilha titlaq.” – pagna 6.**

- **“Sandra Caruana tghid li zewgha qatt ma kien refa’ jdejh fuqha qabel. Fil-fatt, l-ewwel darba li ghamel dan kien biss jumejn qabel gara dan il-kaz in kwistjoni. Hija tghid li minhabba l-feriti li sofriet minghandu hija dahlet l-isptar kemm-il darba u giet operata darbtejn. L-ewwel darba hekk kif gara l-kaz u darba ohra aktar ricenti, f’Ottubru 2006. Hija tghid li l-effetti fizici ghadhom jinhassu fiha. Hija tghid li wara li ghamlet l-ewwel operazzjoni, hija wara certu zmien bdiet thoss ugigh kbir f’zaqqha u mill-isptar giet infurmata li l-punti li sarulha minhabba l-operazzjoni kienu rabbewlha l-hjut u ghalhekk zviluppawlha kumplikazzjonijiet fl-intern, tant li meta giet operata f’Ottubru 2006, kellhom jaqtghu bicca mill-imsaren.**

**Sandra tghid li hija tithassru aktar milli thobbu llum-il gurnata, ghalkemm tinsab konfuza dwar kif ghandha timix l-ahjar. Hija thoss li hu qisu qatt ma ried jaccetta li mhix qed thossha komda mieghu. Hija ssostni li ghandha biza’ kbira minnu, ghalkemm ma tixtieqx li huwa jibqa’ l-habs. Barra minn hekk il-feriti li ghandha f’gisimha jfakkruha dejjem minn xiex ghaddiet u x’ghamlilha hu.” – pagna 8.**

- **“Paul ighid li wara li gara l-kaz, huma ghamlu madwar sena sewwa. Imbaghad ‘regghet bdiet tahdem u regghet bdiet tikkummiedja’. Beda jsib hwejjeg taghha li tohrog bihom gol-vann, flimkien ma’ msielet u gizirajjen taghha. Hija regghet bideti tircievi l-messaggi. Hija hawn gieli telqet mid-dar u kienet tghidlu li m’ghadhiex kif kienet qabel mieghu. Huwa jghid li hu dejjem baqa’ jithassarha u tant hu hekk li gieli mar ghaliha hu. Huwa jhid li hu ma jemminx li hi tibza’ minnu. Jghid ukoll li huwa qieghed il-habs bhalissa ghaliex ma semax minn ommu.**

**Huwa jhoss li sakemm qiehed il-habs l-affarijiet marru ghall-ahjar bejniethom. Huwa jixtieq li ohrog u jirranga l-affarijiet maghha. Huwa bi hsiebu jtiha cans ta’ l-ahhar u jekk hija tigdiblu jew ma tkunx qieghda sew mieghu, huwa mbaghad jibda s-separazzjoni bil-kwiet.” – pagna 13**

- **"Sandra tghid li minkejja li bdiet tahdem biss mid-9.00am sa 1.00pm, huwa ma qaghadx kwiet sakemm telqet mix-xoghol. Hija tghid li huwa ferm persistenti. Wara regghet bdiet tahdem u waqfet minn jeddha. Sandra tghid li hija bdeit ir-relazzjoni extra-konjugali taghha madwar sena u nofs qabel gara l-kaz. Ma' dan l-istes persuna hija kellha relazzjoni meta kienet zghira, qabel hija kienet iltaqghet ma' zewgha. Rigward irgiel ohra hija tghid li kellha hbieb irgiel ohra biss ma kellhiex relazzjoni intima maghhom.**

**Sandra tghid li hija kienet tghidlu li xtaqet titlaq ghaliex ma kenitx thossha komda mieghu. Dan qaltulu ftit xhur qabel gara l-kaz. B'mod persistenti kien jghidilha li ma kienx ser ihalliha titlaq. Hija tahseb li 'ma kienx inizzilha' li hi riedet titilqu. Sandra tghid li fl-ebda punt ma baqghet id-dar biex ma titlifiex. Hija tghid l baqghet id-dar minhabba t-tfal. F'dal-punt hija kellha biza dwar x'jigri mit-tfal jekk titlaq izda kienet ghadha ma bdietx tibza minnu.**

**l-ewwel darba li qabad itiha kien jumejn qabel gara l-kaz in kwistjoni. Hija kienet marret twassal lit-tfal l-iskola. Huwa qalilha biex tmur mieghu bil-karozza. Huwa saq lejn itt-riq ta' Delimara. Staqsiha min baghtilha l-messaggi u qabad itiha fil-karozza. Hija kienet ppruvat tahrab. Kien hemm karozza quddiemhom li s-sewwieq taghha kien miz-Zejtun stess. Dan kien qieghed ma' martu. Paul baqa' jsuq filwaqt li baqa' jtiha. Il-karozza ta' quddiemhom waqfet biex jaghtu l-ghajnuna. Ir-ragel ipprova jorhog lil Paul, filwaqt li l-mara ippruvat tohrog lilha min-naha l-ohra. Sandra tghid li telqet tigri. Hu kompla jigri warajha. Sadanittant kien hemm ragel b'vann, li hija ma kenitx tafu, tellaghha mieghu u hadha l-Ghassa. Hija marret ukoll il-poliklinika, imbaghad marret ghand ohtha minflok irritornat lejn id-dar matrimonjali.**

**Jumejn wara dan l-argument sehh il-kaz in kwistjoni." -- pagna 14**

- **"Sandra tghid li hija regghet irrngat mieghu ftit wara li regghet lura d-dar taghhom. Hija waqfet is-separazzjoni minhabba rikonciljazzjoni. L-ewwel kuntatt sar minn oht zewgha, Marthese. Marthese giet ma' zewgha (zewg Marthese). Huma qaghdu jitkellmu ftit, imbaghad zewg Marthese hareg ftit u rritorna ma' Paul, bla ma hija kienet qed tistennih. Hawnhekk Sandra hadet qata' kbira u bezghet minnu. Hija kienet ghassa ghaliex bezghet li minn hin ghall-iehor ser johrog xi haga mill-but. Wara din il-qata' inizjali, huma tghannqu u bdew jibku. Hija hasset biza izda hassitha fil-paci. Kienet ukoll konfuza ferm. Ghal zmien qasir kien raqad hu Paul, Chris, maghhom minhabba li kienet ghadha qed tibza. Huma t-tnejn kienu qed jiehdu l-kura u kienet thoss li ghalkemm baqghet b'hafna biza minnu, kienu ahjar bejniethom. Madwar sena wara l-operazzjoni hija bdiet tahdem u hu beda jerga' juri l-ghira u bdiet thoss li beda jerga' jissuspetta hazin fiha. Hija kienet bdiet tahdem sighat twal filwaqt li hu ma kienx jahdem. Barra minn hekk, x'hin rega' beda gej l-ugigh f'zaqqha, madwar sena u nofs wara l-operazzjoni, hija regghet bidet ma thosshiex tajba mieghu.**

**Minn madwar tliet xhur qabel il-guri hija ma kienitx qed tghix ma' zewgha. Wara x-xoghol hija kienet tmur id-dar sabiex issajrilhom u tara lil uliedha. Imbaghad kienet tmur torqod ghand ommha. Hija tinsisti li hija hawnhekk ma kellhiex relazzjonijiet ohra.**

**Sandra ssostni li humejn qabel il-guri, huwa kien ser jega' jhebb ghaliha billi wara li kisser *frame*, gholla siggu fid-direzzjoni taghha. Huwa kien qalilha li baqa' jissuspetta. Hija harbet u marret ghand ommha. Hija tghid li pprova jikkonvinciha tmur id-dar u fil-fatt 'l ghada filghaxija marret lura fid-dar matrimonjali biss gie huh jorqod maghhom." – pagni 14-15**

- **“Mil-laqghat li saru ma’ Sandra Caruana, hija tghid li hija tibza minn zewgha. Hija tammetti li kellha relazzjoni extra-konjugali u tghid li lil zewgha aktar tithassru milli thobbu. Barra minn hekk, hija ghandha dejjem xi jfakkarha f’dak li ghaddiet minnu. Hija hawnhekk irreferiet ghall-marki estensivi li ghandha fuq gisimha u ghall-ugigh fiziku li thoss konsegwenza ta’ dak li gara. Matul il-kumpilazzjoni ta’ dan ir-rapport, l-Ufficjal tal-Probation irreferiet lil Sandra Caruana ghand il-psikjatra li Sandra kellha kuntatt mieghu wara li gara l-kaz u giet irriferuta wkoll ghand psikologu sabiex tigi mghejjuna teghleb it-trawma li ghaddiet minnha.” – pagna 19**

**iv.** Dana kollu qed jinghad biex din il-Qorti tispjega ghala, fil-fehma taghha, l-affarijiet mhux daqshekk roseji kemm qed jippruvaw ipinguhom l-appellant u d-difensuri tieghu. Hemm hafna aktar xoghol li jrid isir kemm ma’ l-appellant kif ukoll ma’ martu (u possibilment ukoll ma’ l-ulied) biex kulhadd ikun jista’ jaffronta b’mod matur u spassjonat ir-realta` tas-sitwazzjoni li pprecipitat l-incident tat-12 ta’ Gunju 2003 u l-istat ta’ incertezzi li ghad jezistu fir-relazzjonijiet ta’ bejn l-appellant u martu. S’intendi, hemm imbaghad, il-preokkupazzjoni principali ta’ din il-Qorti:

- **“Dr Spiteri jghid li d-djanjozi ta’ Paul Caruana baqghet ta’ *morbid jealousy* filwaqt li bdew johorgu *paranoid traits*. Dr Spiteri wera l-preokkupazzjoni tieghu dwar il-fatt li fol-kommunita ma jistax jigi enforzat trattament piskjatriku kontra r-rieda ta’ persuna. Gol-habs dan ma jistax isir lanqas, biss permess tal-*Mental Health Act* ikun jista’ jintbaghat ghall-osservazzjoni gewwa l-*Forensic Unit*.” – pagna 18**

- **“Dr Cassar jghid li ghalkemm mill-kuntatti li kellu ma’ Paul Caruana matul il-kumpilazzjoni ta’ dan ir-rapport, ma jirrizultalux li Paul qed ibati minn stat ta’ genn, huwa seta’ jinnota li minhabba stat ta’ fissazzjoni qawwija jista’ jibqa’ anzjuz hafna. Dr Cassar jghid li l-aktar li hija nkwetanti hija r-rigidita u**

**l-fissazzjoni fl-imhabba tieghu lejn martu." – pagna 18.**

**7.** Hi l-fehma tal-Qorti, ghalhekk, li z-zmien li ghad fadallu ta' inkarcerazzjoni l-appellant – jekk ma jitlifx xi parti mir-*remission* huwa ghandu jigi rilaxxjat fis-26 ta' Gunju 2008[3] – ghandu jintuza sabiex, bil-ghajnuna tal-psikjatri u professjonisti ohra, inkluz is-*social worker* addett mal-Facilita` Korettiva ta' Kordin, mhux biss tithejja t-triq sew ghaz-zmien meta eventwalment l-appellant ikun jista' jirritorna d-dar b'mod li l-partijiet kollha involuti jigu mghejjuna "to come to terms" mar-realtajiet ta' dak li ghaddew minnu, izda wkoll l-appellant jigi mghejjun biex jeghleb l-impulsi interni morbuzi jew irrazjonali li jidher li ghadu ma helisx minnhom. F'dan ir-rigward din il-Qorti ser tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, li din il-Qorti m'ghandhiex dubbju li ser jaghmel dak kollu possibbli biex ikun hemm l-ahjar re-integrazzjoni tal-appellant fis-socjeta`.

**8.** Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata mir-Registratur, Qrati u Tribunali Kriminali, lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[3] Ara fol 2 tar-rapport.